TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 492/10

**David Xuereb**

**vs**

**Vodafone plc**

Illum 18 ta' Jannar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' ħames mija, disgħa u disgħin ewro (€599), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* stante li kellu l-ħsara.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *mobile phone* mingħand is-soċjeta' intimata u kellu l-ħsara, u dan biddluhulu darbtejn peress li kien qed jeħel. It-tielet *mobile phone* baqa' wkoll bl-istess problema.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet bil-miktub illi r-rikorrenti kien qed jagħmel użu ħażin minnu.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u spezzjona l-*mobile phone* ukoll, jinnota illi r-rikorrenti qed jagħmel użu ħażin mill-*mobile phone* u għalhekk dan qiegħed jiġġamja.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**